# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Michelina Pace**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Michelina Pace**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 702937M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli : -

1. Fid-19 t'ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel fir-residenza tagħha kisret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied jew b'mod ieħor (żewġ muturi tal-aircondition) u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
2. Kif ukoll tajt fastidju lil Julius Grima u b'mod li tkun taf jew li messek tkun taf li dan kien ta fastidju għal Julius Grima u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi prodotti sad-data tas-seduta de quo, inkluż ir-relazzjoni tal-Professur Joseph Agius.

Semgħet lill-partijiet :

***Ikkunsidrat : -***

Illi tqis li f'dan il-każ il-fatti ppruvati ma jikkostitwux ir-reati addebitati u għaldaqstant ma tistax issib ħtija f'dan il-każ in bażi għall-imputazzjonijiet kontestati.

***<u>Decide</u>***

li għar-raġunijiet premessi l-imputata qiegħeda tiġi misjuba mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u tilliberaha minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum il-5 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***